# 1

# Sittax-il Sena Ilu

Nofs ta' kelma! Dik in-nofs ta' kelma li qalli Vanni dalgħodu meta ġie jarani ftit, kif iħobb jagħmel meta jsib ħin, qanqlet fija t-tifkiriet kollha ta' sittax-il sena ilu.

"Għoġobni l-aħħar ktieb li ħriġt," qalli Vanni aħna u nieħdu l-kafè. Jien xengilt rasi u b'żuffjett weġibtu:

"Dawk għat-tfal niktibhom … mhux għalik!"

"Naf," kompla jgħidli huwa u jixħet ir-raba' kuċċarina zokkor fil-kafè. Għalxejn kulħadd jgħidlu biex inaqqas miz-zokkor. Ma jridx jaf. Rani nitbissem jien u nħares lejh iħawwad dik l-għaġna konkos fil-kikkra, imma ma tax kasi.

"Alex," qalli, "nistħajlek li biex tikteb dawk l-istejjer kollha għat-tfal tkisser moħħok taħseb biex issib xi ħaġa ġdida. X'kien li qatt ma tħajjart tikteb il-ġrajja tal-ġiżirana? Tiftakar?"

Għal waqt wieħed bqajt bil-kikkra f'idi bla ma weġibtu. Fil-fatt, kont aktar qed naħseb f'dawk l-erba' kuċċarini zokkor milli f'dak li qalli. U meta rani sieket Vanni reġa' żied:

"Kienet biċċa stramba dik. Konna għadna tfal dik il-ħabta. Jien mhux żgur kelli sittax-il sena. Dik imissek tikteb."

“Dik min se jemminha?” weġibtu jien.

“Ħeqq … imma int taf daqsi li ġrat tassew … lilna, lil Danjela u liz-zijiet kollha. U ngħid jien, tiktbilhom tant misteri u jemmnuhom, għax m’għandhomx jemmnu ħaġa li ġrat tassew?”

It-taħdita dwar il-ġrajja tal-ġiżirana waqfet hawn. Daħlu fuqna Kevin u Lara u ma ħallewniex ngħidu kelma oħra, ħlief dwar jekk id-dinosawri kinux aktar b’saħħithom minn Superman, jekk King-Kong kienx jeżisti tassew u l-għaliex Spiderman qatt ma kien jitħabbel fix-xibka tiegħu stess.

Ngħid is-sew, għall-ewwel ftit li xejn kont imħajjar li nikteb il-ġrajja ta’ tfulitna li semma Vanni. Imma meta sibt ruħi waħdi, dik in-nofs ta’ kelma li xeħitli kuġinuwi, fetħitli beraħ is-senduq tat-tifkiriet. Kollox beda ġej mill-bogħod quddiem għajnejja donnhom dawk is-sittax-il sena twal li kienu jifirdu llum minn dakinhar kienu nħallu fix-xejn. U aktar ma bdejt naħseb fuqha aktar bdejt naqbel ma’ Vanni li kienet ġrajja stramba tassew, u li kien messni ili li ktibtha. Naf li mhux lakemm titwemmen iżda sew jgħidu li kultant il-verità tkun aktar stramba mill-ħrejjef!

* * *

Jien kont għadni kemm għalaqt ħmistax-il sena. Id-dar tan-nanna Kons kienet qisha dari, u meta kont ġejt minn ta’ quddiem fl-eżamijiet tal-iskola u f’tal-vjolin, u l-papà kien xtrali r-rota li kien wegħedni, aktar kont ġej u sejjer inqatta’ l-ġranet (biex ma ngħidx il-ġimgħat) għand in-

nanna Kons. Il-mamà bilkemm ma kinitx tieħu għaliha meta tarani qisni ma rridx naf bihom. Imma ma kontx tagħtini tort. Kont tifel waħdi u ħbieb ma tantx kelli. Iz-zija Marija kienet toqgħod man-nanna Kons u ma' kuġinieti Vanni u Danjela, it-tfal taz-zija Marija, kont ninġieb aktar milli kieku kienu ħuti. Vanni kien xi sena akbar minni u mingħalija Danjela kienet ftit iżgħar.

Ma' Franġiska biss ma tantx kont immur tajjeb. Miskina, illum mhux żgur ħadd qatt jiftakar fiha! Franġiska kienet is-seftura taz-zija Marija. Kienet imdaħħla fiż-żmien mhux ħażin u niftakar lil Danjela tgħid li kienu jżommuha magħhom b'karità għax ma kellha lil ħadd. Qatt ma niftakarha tagħmel xejn ħlief xi qadja ħafifa u taħsel il-platti. Kienet dejjem tħares bl-ikrah donnha sejra tagħti xi ċanfira lil xi ħadd u biex tkellmek kont trid tħallasha. Ngħid is-sew ma tantx kont nieħu gost naraha tfekren fil-kċina għax il-mustaċċi suwed li kellha u s-snien sofor dejjem jitbandlu bla ma qatt jaqgħu, kont inħosshom jaqtgħuli l-aptit.

Imma Vanni u Danjela ma kinux l-oġġett waħdieni li kien jiġbidni lejn id-dar tan-nanna. L-akbar raġuni kienet id-dar innifisha. Id-dar tan-nanna hija waħda mill-eqdem u l-akbar djar li kien hemm (u għad hemm) f'Għajn il-Wied: raħal ċkejken għall-arja tal-baħar, li sittax-il sena ilu kien wisq aktar kwiet milli hu llum. Il-ġonna kbar li kien hemm madwar id-dar, il-bitħa daqs misraħ fgata bil-qsari li tilqgħek malli tidħol, il-kmamar kbar, it-turġien, il-garigori, il-kantina … kienu kollha postijiet tal-għaġeb

li kellhom seħer fuqi mindu kont għadni daqs nitfa. Imma forsi xejn ma kien jiġbidni u jhennini daqs il-kappella ħelwa li kien hemm f'nofs il-bitħa, u li kienet meqjusa bħala l-karatteristika ewlenija ta' Għajn il-Wied; b'dak il-kampnar ċkejken fin-nofs u l-awrikarja daqs dinja tielgħa minn warajha. Illum żdied ħafna bini fir-raħal u l-kappella tan-nanna Kons intilfet qalb il-vilel ta' mal-bajja, il-flettijiet u l-lukanda tal-faċċata. Imma dik il-ħabta, il-kappella kienet l-għożża u l-kburija mhux biss tal-familja tagħna, imma tan-nies kollha ta' Għajn il-Wied.

Nistħajjilkom tistaqsu: "Dan kif kien hemm kappella fid-dar tan-nanna?" Dik il-ħabta qatt ma kienet taqagħli f'rasi mistoqsija bħal din, anzi kont nimmaġina li kull dar kbira għandu jkollha kappella magħha. Missieri jgħid li din kien bnieha n-nannu tiegħu, jiġifieri l-bużnannu. Kien hu li xtara d-dar f'Għajn il-Wied, żied jibnilha magħha, xtara aktar raba' biex ikabbrilha l-ġonna u bena l-kappella mad-dar. Missieri jgħid li kien sinjurun u ma jistax jonqos li kellu ġid sewwa biex għamel dan kollu. Kien jismu Xandru u n-nanna Kons kienet tgħid li daqskemm kien sinjur daqshekk ieħor kien raġel tar-ruħ u devot kbir tal-Madonna. Biżżejjed tasal wasla sal-kappella biex tara kemm dan hu minnu. Mhux biss kien bnieha, imma żejjinha bl-ifjen u l-isbaħ lampieri, damaski, fjuretti u brazzi li seta' jsib dak iż-żmien. U l-vara ta' Santa Marija li hemm fuq l-artal minflok kwadru titulari, kien bagħat iġibha minn Spanja u għandi naħseb li qamitlu sold ġmielu.

L-inkwatru tal-bużnannu Xandru għadu sal-lum

imdendel ġol-kappella, fuq il-bieb ewlieni, donnu biex ifakkar lil kull min jidħol hemm ġew li dik il-kappella kienet il-għaxqa ta' qalbu. Meta kont żgħir missieri kien bellagħhieli li dak kien inkwatru ta' qaddis u domt sa m'għamilt il-Griżma nemmnu.

Kull meta missieri jew in-nanna Kons kienu jaqbdu jirrakkuntaw dwar il-festa, kien jisgħobbija tassew li ma kontx ngħix dik il-ħabta. Għax, skont ma kienu jgħidu huma, il-festa li kien jagħmel il-bużnannu Xandru nhar Santa Marija kienet xi ħaġa li Għajn il-Wied kollu kien jistenna minn sena għall-oħra. Kienet tkun qisha festa ta' parroċċa: bil-jiem tat-tridu, bil-quddiesa solenni, bil-paniġierku u saħansitra b'riċeviment ċkejken fil-bitħa tad-dar, u bil-purċissjoni u l-banda mat-triqat żgħar tar-raħal. In-nanna Kons dejjem kienet titniehed meta ssemmi l-festa u tilmenta li llum trid ħafna flus biex tagħmel festa bħal dik.

Imma l-isbaħ teżor li kellha l-kappella kienet il-ġiżirana! Din ukoll kien għamilha l-bużnannu Xandru u l-ewwel darba li ħallewni naraha kont bqajt b'ħalqi miftuħ, għax qatt ma kont rajt djamanti kbar bħal dawk, ileqqu donnhom kellhom xi bozza ġo fihom. In-nanna Kons kienet tħobb tirrakkuntali dwar kif saret dik il-ġiżirana famuża.

Il-bużnannu Xandru kien miżżewweġ darbtejn. Mill-ewwel mara ma kellux tfal u meta din mietet reġa' żżewweġ lil Rożarja li kienet xi 24 sena iżgħar minnu. Mingħalija, in-nanna Kons kienet tgħid li hu kellu 55

sena u l-bużnanna Rożarja kellha 31. Ix-xewqa waħdanija tiegħu kienet li jkollu tifel u mistagħġbin kemm kien jitlob u jagħmel noveni. Fl-aħħar kien għamel wegħda mal-Madonna li jekk ikollu tifel jagħtiha ġiżirana tad-djamanti biex ilibbishielha nhar il-festa tagħha u joħroġha biha għall-purċissjoni. U l-Madonna semgħet talbu, għax ma damx ma twieled ibnu Anton, li jiġi missier il-papà … ir-raġel tan-nanna Kons. Il-bużnannu Xandru żamm il-wegħda tiegħu. Għamel il-ġiżirana u fuq wara talabhom inaqqxulu d-data ta' meta ħadimha: 1882. In-nanna Kons dejjem kienet ittemm ir-rakkont tagħha bl-istess kelmiet:

"Imma ħej, miet hu u ma ħalla xejn. Anton kien jgħid li qassam ġidu lill-istituti u ħlief id-dar u r-raba' ma ħalla xejn. Hekk kellu jkun. Imma dik il-ġiżirana ibżgħu għaliha, għax dik teżor. Kienet tiswa l-eluf dik il-ħabta – aħseb u ara llum! Dik teżor tal-Madonna!"

"Imma n-nannu Anton xorta baqa' jagħmilha l-festa, hux, nanna?" kont inħobb nistaqsiha jien, għalkemm it-tweġiba kont tgħallimtha bl-amment. In-nannu Anton kien miet meta jien kelli xi erba' snin u għalhekk la niftakar lilu u lanqas il-festa li kien jagħmel.

"Dażgur li baqa' jagħmilha," kienet tweġibni n-nanna Kons bil-ħatfa, "dik kienet l-akbar xewqa ta' missieru. Imissu ma kienx jagħmilha! U kien anki beda jagħmel il-logħob tan-nar fil-bitħa. Għadhom jidhru l-ħofor tal-arbli u darba anki kaxxa infernali ħaraq. Imma meta miet hu spiċċa kollox. Il-flus naqsu u l-ħajja għoliet …"

U n-nanna kienet tieqaf u toqgħod tokrob, u jien meta

naraha hekk kont nitħassarha u nipprova ndawwar id-diskors. Kulma kien isir fi tfuliti kienet biss daqsxejn ta' quddiesa ħafifa nhar Santa Marija … u la baned u la riċevimenti u lanqas purċissjonijiet. Kollox donnu ta' bilfors u ta' malajr.

***

Il-biċċa bdiet ftit wara li mietet in-nanna Kons. Kien Awwissu tal-1963. In-nanna kienet ilha marida s-snin u dan l-aħħar moħħha kien beda jeħfief. Erħilha titkellem ma' Ġolġol, il-pappagall xiħ li kien il-mimmi t'għajnejha.

"Ġolġol … u fejn hu Anton?" kienet tistaqsih in-nanna hi u thewden.

U l-pappagall kien jaqbad kantalieni: "Anton baħħ … Anton għand il-Madonna … Anton baħħ!" U ma jiqafx qabel ma titla' għalih iz-zija Marija u theddu li se ttih xebgħa xkupa.

Ġolġol u z-zija Marija ma tantx kienu ħbieb. Meta Danjela kienet tmur timlielu l-landa biż-żerriegħa tal-ġirasol, erħilha tibdielu:

"Ġolġol, 'ħobbu 'l Vanni?"

" 'Ħobbu 'l Vanni," kien iwieġeb Ġolġol waqt li jiżżegleg u jgħolli sieq waħda wara l-oħra.

"Ġolġol, 'ħobbha 'l Danjela?" kienet terġa' tistaqsih, u Ġolġol dejjem iwieġeb: " 'Ħobbha 'l Danjela!" jew " 'Ħobbu 'l Alex!" Imma malli tistaqsih: " 'Ħobbha 'l-mamà?" kien jibda jaqbeż minn passiġġiera għall-oħra u jwerżaq: "Leqq mamà … xebgħa xkupa! Leqq mamà!" U Danjela kienet

